Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta’ Ġunju 2017
(OR. en)

10582/17
ADD 3

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2017/0138 (CNS)**

FISC 149
ECOFIN 572
IA 115

**NOTA TA' TRASMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 22 ta’ Ġunju 2017 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | SWD(2017) 237 final |
| Suġġett: | DOKUMENT TA’ ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal DIRETTIVA TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar l-iskambju awtomatiku u obbligatorju ta’ informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni fir-rigward tal-arranġamenti transkonfinali rapportabbli |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2017) 237 final.

Mehmuż: SWD(2017) 237 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.6.2017
SWD(2017) 237 final

# DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

# SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

*Li jakkumpanja d-dokument*

**Proposta għal**
**DIRETTIVA TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar l-iskambju awtomatiku u obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni fir-rigward tal-arranġamenti transkonfinali rapportabbli**

{COM(2017) 335 final}
{SWD(2017) 236 final}

| Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv |
| --- |
| Valutazzjoni tal-impatt fuq ir-Regoli dwar l-Iżvelar Obbligatorju għall-Intermedjarji |
| **A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni** |
| **Għaliex? X'inhi l-problema li qed tiġi indirizzata?** |
| Rivelazzjonijiet riċenti enfasizzaw kif ċerti intermedjarji jidhru li għenu lill-klijenti tagħhom b'mod attiv biex jużaw skemi ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa biex inaqqsu l-piż tat-taxxa u jaħbu l-flus barra mill-pajjiż.<br>In-nuqqas ta' trasparenza tiffaċilita l-attivitajiet ta' ċerti intermedjarji involuti fil-promozzjoni u fil-bejgħ tal-iskemi ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa. B'konsegwenza ta' dan, l-Istati Membri qed ibatu minn trasferiment ta' profitt, li normalment jiġi ġġenerat u jkun taxxabbli fit-territorju tagħhom, lejn pajjiż b'rata baxxa ta' taxxa u li ta' spiss jesperjenzaw erożjoni tal-bażijiet tat-taxxa tagħhom. Il-problema sottostanti identifikata hija li ċerti skemi ta' ppjanar tat-taxxa qed jiġu mfassla u promossi minn intermedjarji u jintużaw mill-kontribwenti biex jevitaw jew jevadu t-taxxa. |
| **X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?** |
| Ladarba tiġi implimentata, l-inizjattiva mistennija li tipprovdi lill-amministrazzjonijiet tat-taxxa nazzjonali b'informazzjoni f'waqtha dwar it-tfassil u l-użu ta' skemi ta' ppjanar potenzjalment aggressiv tat-taxxa b'element transkonfinali. L-awtoritajiet mistennija li jibbenefikaw minn dan l-iżvelar bikri biex jieħdu miżuri immedjati u jiskoraġġixxu l-implimentazzjoni ta' arranġamenti li jikkwalifikaw bħala evitar tat-taxxa, pereżempju billi jemendaw il-leġiżlazzjoni tat-taxxa fil-livell nazzjonali jew billi jiffukaw awditu speċifiku tat-taxxa fil-bidu tal-proċess. |
| **X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?** |
| L-esperjenza turi li d-dispożizzjonijiet nazzjonali kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa ma jistgħux ikunu effettivi għalkollox peress li jiffukaw fuq id-dimensjoni domestika tal-arranġamenti potenzjalment illeġittimi. Għalhekk, ħafna mill-istrutturi mfassla biex jevitaw it-taxxi għandhom dimensjoni transkonfinali u jinvolvu t-trasferiment tal-introjtu taxxabbli għal pajjiżi b'rata baxxa ta' taxxa. Fil-fatt kemm il-kapital kif ukoll il-persuni qed isiru dejjem aktar mobbli, speċjalment f'suq integrat bħall-UE. L-UE tinsab f'pożizzjoni aħjar minn dik ta' kwalunkwe Stat Membru individwali biex tiżgura l-effettività u l-kompletezza tas-sistema għal dan l-iskambju ta' informazzjoni. |
| **B. Soluzzjonijiet** |
| **X'għażliet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għaliex?** |
| Ġew ivvalutati diversi għażliet politiki kontra l-kriterji tal-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza meta mqabbla max-xenarju bażi. L-għażla ppreferuta hija rekwiżit għall-Istati Membri biex (i) jistipulaw obbligu espliċitu ta' żvelar obbligatorju ta' skemi ta' ppjanar potenzjalment aggressiv tat-taxxa b'element transkonfinali għall-awtoritajiet tat-taxxa nazzjonali tagħhom; u (ii) jiżguraw li l-awtoritajiet tat-taxxa nazzjonali tagħhom jiskambjaw din l-informazzjoni b'mod awtomatiku mal-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri l-oħra billi jużaw mekkaniżmu mibni apposta għan dan l-għan. |
| **Liema għażla u min jappoġġaha?** |
| L-inizjattiva ngħatat appoġġ ġenerali mill-Istati Membri, mill-NGOs u mill-individwi privati. Il-gruppi u l-intermedjarji tal-partijiet ikkonċernati min-naħa tan-negozju qajmu tħassib dwar in-nuqqas ta' ċarezza ta' inizjattiva futura u l-piż amministrattiv possibbli. |
| **C. Impatti tal-għażla ppreferuta** |
| **X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?** |
| Hemm mnejn li r-rekwiżit ta' rappurtar skont sistema ta' żvelar obbligatorju jiskoraġġixxi lill-intermedjarji milli jidħlu fi skemi ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa. Bl-istess mod, il-kontribwenti jkunu inqas lesti li joħolqu jew jużaw dawn l-iskemi jekk ikunu jafu li dawn l-iskemi jridu jiġu rrappurtati skont sistema ta' żvelar obbligatorju. L-awtoritajiet tat-taxxa attwali għandhom għarfien limitat tal-arranġamenti mhux domestiċi ta' ppjanar tat-taxxa u dik id-dejta tista' tipprovdilhom informazzjoni f'waqtha biex ikunu jistgħu jwieġbu malajr b'miżuri operazzjonali u b'bidliet leġiżlattivi u/jew regolatorji. Barra minn hekk, din l-informazzjoni tista' tintuża għal finijiet ta' valutazzjoni tar-riskju u ta' awditjar. |
| **X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?** |

| |
|---|
| Huwa maħsub li l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri jista' jiġi akkomodat pjuttost faċilment bl-iskemi ta' rappurtar u ta' skambju ta' informazzjoni eżistenti, bħad-deċiżjonijiet tat-taxxa bil-quddiem li diġà jeżistu skont id-Direttiva dwar il-kooperazzjoni amministrattiva (DAC). Jenħtieġ li l-kostijiet għall-intermedjarji jkunu limitati għax l-informazzjoni li trid tiġi rrappurtata lill-awtoritajiet nazzjonali skont is-sistema jenħtieġ li tkun disponibbli fl-iskeda tas-sommarju li jagħtu lill-kontribwenti għall-ispjegazzjoni tal-iskema. |
| **Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?** |
| L-inizjattiva se taffettwa lill-kumpaniji kollha u se toħloq kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fl-UE. Jenħtieġ li jkun hemm impatt inqas dirett fuq l-SMEs peress li huma inqas involuti f'arranġamenti transkonfinali ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa. Minflok, il-kumpaniji akbar li joperaw b'mod transkonfinali x'aktarx li jiġu affettwati aktar bir-regoli previsti. |
| **Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?** |
| B'mod ġenerali, tul perjodu medju ta' żmien jenħtieġ li l-inizjattiva tikseb/tiġbor id-dħul mit-taxxa bl-introduzzjoni ta' miżuri mill-Istati Membri biex jiġġieldu l-evitar tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa mir-residenti tagħhom u billi jiskoraġġixxu l-użu ta' skemi ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa. |
| **Se jkun hemm xi impatti sinifikanti oħra?** |
| Peress li l-miżura hija indirizzata wkoll b'rakkomandazzjonijiet internazzjonali li ġew approvati mill-G20, l-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva tiżgura l-konformità tal-UE. |
| **D. Segwitu** |
| **Meta se tiġi rieżaminata l-politika?** |
| Skont l-Artikolu 27 tad-DAC, kull ħames snin il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar il-funzjonament tad-Direttiva. L-ewwel rapport mistenni jiġi ppreżentat sal-1 ta' Jannar 2018. L-emenda attwali proposta lid-DAC għar-regoli dwar l-iżvelar obbligatorju għall-intermedjarji se tiġi evalwata fir-rieżami li se jitlesta sal-1 ta' Jannar 2023. |